**Maħbuba ta' Ġesù**

Ma' sbiħ il-għodwa ħallejtna
Tirt lejn is-sema pajjiżek,
Ħadtna miegħek f'qalbek kbira
Qalbna tħobbok w tibqa' tqimek.

Għax int wisq għażiża Sandra
Għallimtna valur daqshekk kbir,
Li nħobbu lil Kristu Sidna
Kemm fiż-żgħir u anki fil-kbir.

Niftakruk tgħidilna dejjem:
"Ħobbu minn qalbkom lill-Mulej",
Urejthielna din imħabbtek
Għal Ġesù, l-uniku Feddej.

Kont tgħidilna li ma tridx tfiq
Ħassejt is-sejħa ta' Ġesù,
Li ried jieħdok minn did-dinja
Ħa jdaħħlek f'saltnet il-virtù.

Bqajt tħobbna ilkoll sal-aħħar
Kamartek kienet dawl is-sliem,
Għax kull min kien jidħol fiha
Kien jiġġedded, qatt ma jeqdiem

Kemm sebħitha x-xbieha mqaddsa
Ta' Ġesù l-Ħniena Divina,
Wiċċu kien ukoll imdendel
M'għonqok, b'hekk tibqa' tiftakar fina.

Imħabbtek għaddejtha b'qawwa
Lill-uliedek bil-wisq għeżież,
U xerriddtha fuq il-proxxmu
B'umiltà, mingħajr ħafna qżież.

Ħabbejt fis-skiet u bl-eżempju
Ħfirt fuq li ħfirt b'sempliċità,
Sandra int tibqa' għalina
Mara tal-vera karità.

Kelli l-grazzja li nsir nafek
F'dik is-siegħa tal-kalvarju,
Efrajt b'fidi dak salibek
Bl-aktar mod straordinarju.

Tirt għas-sema f'festa kbira
Ta' Patri Piju li bħalu,

Int tħabbibt mar-rieda t'Alla
Sirt offerta għal min għadu;

Ma għarafx li minn din id-dinja
Bħalma ġie għad jitlaq minnha,
Itlob ħalli 'l qalbu jiftaħ
Għall-grazzja li trid twellidna.

Niżik ħajr tal-wegħda tiegħek
Li mis-sema żgur fuq li żgur,
Se tibqa' lkoll tiegħu ħsiebna
Sandra, 'l-maħbuba ta' Ġesù.

Patri Mario Attard OFM Cap
23 ta' Settembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.